# Tliet Statwi ta' San Guzepp

**Hu kas eċezjonali li fir-Rabat nsibu tlett statwi ta' San Ġużepp fi ħdan l-Arċikonfraternita ta' l-istess qaddis protettur tal-Knisja Universali. Dawn it-tlett statwi, jinsabu fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri w fl-Oratorju tal-fratellanza ta' San Ġużepp li hu anness ma' l-istess knisja msemmija.**

**San Ġużepp Inkurunat**

L-ewwel statwa ta' San Ġużepp li naraw fir-Rabat hi ta' San Ġużepp ix-Xiħ (għax hekk hu magħruf mal-poplu). Din il-vara x'aktarx li ġabuha magħhom l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann fl-1530, u ġiet irregalata mill-Gran Mastru L'Isle Adam, lill-fratellanza ta' l-istess qaddis. Din il-vara għalkemm ma' hix ta' xi ġmiel, iżda hi ta' devozzjoni kbirt, u nsibu li mal-ewwel li ġiet f'Malta din vara ta' San Ġużepp, il-poplu Malti ngibed lejha għall-kull bżonn li kellu. Din l-istatwa ma kenitx toħroġ fil-purċissjoni li ssir ta' kull sena f'Marzu, iżda kull meta ħarġet għall-qima tal-fidili kienet dejjem fuq skala nazzjonali, u aktarx li kienet tkun fuq talba ta' l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi ta' dak iż-żmien.



Kull meta ħarġet din l-istatwa tant mirakoluża kien dejjem bħala ringrazzjament lil Alla, għax Malta tkun ħelset minn xi fraġell, bħal xi kas tal-marda tal-pesta, xi terremot u nuqqas kbir ta' xita. F'dawn il-kasijiet kienu jsiru pellegrinaġġi nazzjonali bl-istatwa msemmija mhux biss ġor-Rabat

u l-Imdina, iżda wkoll għal xi parroċċi l-barra mir-Rabat bħal Mosta, Ħad-Dingli, Nax xar, il-Furjana u oħrajn.

Fl-1958 meta f'Malta għall-ewwel darba ġiet iffestiġjata l festa ta' San Ġużepp Ħaddiem taħt aspett reliġjuż, kienet din il-vara ta' San Ġużepp ix-Xiħ, li mhux anqas minn 40,000 ruħ inġabru ma' dwar din il-vara fuq il-Fosos tal-Furjana, u fl-1963 l-istess vara ġiet ikurunata solennement fl-istess post (fuq il-Fosos tal-Furjana) b'żewġ kuruni tad-deheb, mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, fl-1 ta' Mejju.



**Il-Vara tal-Purċissjoni**

Il-Vara ta' San Ġużepp li kienet toħroġ fil-purċissjoni, mhix dik li naraw illum iżda statwa oħra wisq iżjed antika din tinsab fis-sagristija tal-patrijiet ta' Ġieżu tar-Rabat. tinsab fi stat tajjeb ħafna.

Din l-istatwa kienet inxtrat minn għand l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp li tinsab fil-knisja Basilika tal-Madonna tal Karmnu l-Belt Valletta. Kienet inxtrat sitt skudi (50 ċenteżmu tal-lum) fl-1700, minn għand il-prokuraturi tal - kumpanija tal-Belt, li kienu Gio Batta Chircop u Duminku Dingli. Għalkemm din il-vara tidher antika ħafna, iżda żgur li mhix qabel is-sena 1632, għax f'dik is-sena twaqqfet il-fratellanza ta' San Ġużepp tal-Belt Valletta.

**Vara Ġdida**

Fl-1890, reġgħet saret vara oħra ta' San Ġużepp, din hi l-vara tant naturali li naraw fil-purċissjoni li ssir ta' kull sena mat-toroq tar-Rabat,

Din l-istatwa ta' San Ġużepp li hi tant imsemmija għax-

ikompli f'pagna iv

xogħol artistiku tagħha, kienet inħadmet f'Marsilja fuq disinn ta' Fontana. Kien ħallas l-ispejjeż kollha ta' din l-opra, ir-Rev. Mons. Kan Kap. Pawlu **Pullicino**, M. A., S.Th.D u ħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni tad-19 ta' Marzu, 1890 u fl-1930 din l-istess statwa ġiet dekorata (sgraffita) minn żewġ magħllmin li kienu fratelli ta' San Ġużepp, dawn kienu, l-induratur Ġużeppi Farrugia u d-dekoratur Mikiel Fsadni. Fid-9 ta' Marzu ta' l-istess sena kienet ġiet imwassla f'dimostrazzjoni kbira, akkumpanjata mill-Banda Dekana L'Isle Adam minn quddiem il-knisja ta' Santu Wistin għall-knisja ta' Ġieżu.



**Il-Vara ta' San Guzepp li tohrog fil-purċisjoni. Ritratt meħud qabel l-1930.**